

ECB-PUBLIC

[isem id-debitur tat-tariffa]

[indirizz tad-debitur tat-tariffa]

[DD MM YYYY]

Telefon (servizz ta' appogġġ): +49 69 1344 4690

E-mail: SSM-fee-enquiries@ecb.europa.eu

Referenza tal-ħlas: [numru ta' referenza]

## Avviż ta' tariffa

I-BĊE iddeċċieda li t-tariffa superviżorja annwali tagħkom hija skont kif ġej:

1) Komponent minimu fiss [SI]/[LSI]	EUR	[ ]
2) Komponent varjabbli [SI]/[LSI]	EUR	[ ]
<b>Tariffa superviżorja annwali</b>	<b>EUR</b>	<b>[ ]</b>

Skont I-Artikolu 30(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013, il-BĊE għandu jipponi tariffa superviżorja annwali fuq l-iċċituzzjoni jipprova kreditu stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti u l-friegħi stabbiliti fi Stat Membru parteċipanti minn istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fi Stat Membru mhux parteċipanti.

Dan l-avviż ta' tariffajis speċifika t-tariffa superviżorja annwali li għandha titħallas mill-istituzzjoni tagħkom skont I-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew għall-perijodu tariffarju [SSSS].

It-tariffa superviżorja annwali ġiet ikkalkulata skont il-metodoloġija stipulata fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 u, b'mod partikolari, wara li ġew meqjusa dawn l-elementi:

- Il-klassifikazzjoni tal-istituzzjoni tagħkom bħala [inqas] sinifikanti għall-perijodu minn [JJ XX SSSS] sa [JJ XX SSSS].
- L-ammont totali ta' tariffej superviżorji annwali, kif stipulat fid-Deċiżjoni (UE) 2015/727 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2015/17) u ppubblikat fuq is-sit elettroniku tal-BĊE.
- Assi totali ta' EUR [ ] u skopertura għar-riskju totali ta' EUR [ ], kif stabbilit skont id-Deċiżjoni (UE) 2015/530 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2015/7).

## **Termini qħall-ħlas**

It-tariffa superviżorja annwali għandha titħallas fi żmien 35 jum mid-data meta jinħareġ l-avviż ta' tariffa, mingħajr spejjeż għall-BĊE. Jekk l-istituzzjoni tagħikkom ipprovdiet lill-BĊE b'mandat iffirmat ta' debitu dirett qabel ma nħareġ dan l-avviż ta' tariffa, it-tariffa superviżorja annwali tiġi ddebitata direttament mill-kont tagħikkom fi żmien 35 jum mid-data tal-ħruġ tal-avviż ta' tariffa.

Inkella, jekk jogħġog kom ħallsu permezz ta' trasferiment bankarju jew permezz ta' TARGET2, waqt li tikkwotaw ir-referenza ta' ħlas tagħikkom.

Ħlas permezz ta' trasferiment bankarju	Ħlas permezz ta' TARGET2
Ħlas lil: MARKDEFF (bank korrispondenti) IBAN DE67504000000050402406 Benefiċjarju: European Central Bank SSM	Ħlas lil: ECBFDEFFSSM (riċevitur fl-intestatura tal-messaġġ ta' trasferiment SWIFT) Benefiċjarju: ECBFDEFFSSM

## **Notifikasi**

Dan l-avviż ta' tariffa huwa nnotifikat lilkom skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014.

## **Reviżjoni**

Skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, talba għal reviżjoni amministrattiva interna ta' dan l-avviż ta' tariffa tista' tiġi ppreżentata lill-Bord Amministrattiv ta' Reviżjoni tal-BĊE fi żmien xahar mid-data tan-notifika ta' dan l-avviż ta' tariffa. Dik it-talba għandha tintbagħha, preferibbilment bil-posta elettronika, lil: [ABOR@ecb.europa.eu](mailto:ABOR@ecb.europa.eu) jew bil-posta lil: The Secretary of the Administrative Board of Review, European Central Bank, Sonnemannstrasse 22, 60314 Frankfurt am Main, Germany. Aktar tagħrif dwar il-proċedura ta' reviżjoni jinsab fid-Deċiżjoni BĊE/2014/16 tal-Bank Ċentrali Ewropeo. Skont l-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni BĊE/2014/16, talba għal reviżjoni m'għandhiex effett sospensiv awtomatiku. It-talba għal reviżjoni hija mingħajr preġudizzju għad-dritt li jitressqu proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

**Dan huwa dokument iċċ-ġenerat bil-kompjuter li huwa validu mingħajr firma**

Jekk *jogħiġ bok* *irreferi* *għal*  
<https://www.banksupervision.europa.eu/organisation/fees/html/index.mt.html> *għal* dettalji dwar il-metodoloġija tal-BĊE għal tariffi superviżorji, il-qafas legali u informazzjoni dwar l-ispejjeż annwali tal-BĊE relatati mal-MSU li huma allokkati permezz ta' tariffi.